MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 467/2001/1

Avviz Nru: 467/01 DM

Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Giovanni Fenech

Vs

Carmelo Fero'

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici noe talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas s-somma komplessiva ta' disa' mitt lira (Lm900) in linea ta' danni minnhu kkagunati u minnhu sborsati in segwitu ghal

incident awtomobilistiku li gara Hal Luqa fis-7 ta' Lulju 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura nru IAA 352 habat mal-vettura Nru FAV 051 propjeta' ta' Giovanni Fenech li kienet wieqfa wara li kienet involuta f'kollizjoni ma ' vettura ta' terzi –prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-27 ta' Novembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kien is-sewwieq tal-vettura numru FAV 051, u cioe l-assigurat tas-socjeta attrici Giovanni Fenech, jahti unikament ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2 L-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa eccessiv;

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-30 t' April 2003 fejn id-difensur tal-atturi rriduca t-talba attrici ghas-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin) u fejn id-difensur tal-konvenut iddikjarat illi ghall-quantum kif ridott m'ghandhiex kontestazzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet; u

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx divergenza kbira bejn il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa involuti f'dan l-incident stradali.

Infatti jaqblu illi l-vettura misjuqa minn Giovanni Fenech kienet qedgha tinsaq qabel l-vettura misjuqa mill-konvenut, jaqblu illi dan l-istess Giovanni Fenech minn fuq il-karreggjata tan-naha tal-lemin beda jaqleb ghal fuq il-karreggjata tan-naha tax-xellug, u kif kien qieghed jipprocedi f'din il-karreggjata tan-naha tax-xellug habat ma vettura ohra pparkjata, f'dan l-iskontru l-vettura ta' Giovanni Fenech dahlet xi ftit fil-karreggjata tan-naha tal-lemin li fiha kien qed jipprocedi l-konvenut, u l-konvenut in segwitu habat man-naha ta' wara tal-vettura ta' Fenech.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar il-mument ezatt li sehh fl-iskontru bejn il-vettura ta' Fero' u dik ta' Fenech.

Waqt illi Giovanni Fenech isosstni li l-habtiet li fihom kienet involuta l-vettura tieghu ma kienux istantaneji, izda intlaqat fuq wara mill-konvenut meta kien digia' mahbut, il-konvenut isosstni, min-naha tieghu, illi effettivament kien qed izomm distanza ta' tul ta xi karrozza u nofs bejn il-vettura tieghu u bejn il-vettura ta' Fenech, u illi mal-habta ta' Fenech mal-vettura pparkjata huwa ma kellux cans li jevita l-iskontru billi l-karreggjata tieghu giet imblokkata mill-vettura ta' Fenech.

M'hemmx dubju illi kien sewqan imprudenti da parti ta' Giovanni Fenech illi jahbat ma' vettura ipparkeggjata meta jirrizulta wkoll li kien ghaddej bi speed eccessiv stante it-tlieta u hamsin metru (53) brejk marks qabel l-iskontru u ghalhekk kieku l-habta bejn il-vettura ta' Fero' kienet kwazi istantaneja mal-habta l-ohra, ir-responsabilta' kienet tkun definittivament kollha tas-sewwieq Fenech.

Izda l-Qorti ma tistghax taccetta l-verzjoni tal-konvenut li kien qieghed isuq wara Fenech, minn distanza qabel ma

dan habat mall-vettura ipparkeggjata, peress illi fit-tlieta u hamsin metru (53m) li fihom il-vettura ta' Fenech kienet qedgha tiffrena bil-qawwa u thalli s-sinjali tar-roti mat-triq, il-konvenut, li ma halla ebda sinjal ta' brakes, kien jilhaq jissorpassa il-vettura ta' Fenech ferm qabel ma din habtet mall-vettura pparkeggjata.

Lanqas ma hu spjegat mill-verzjoni li ta' l-konvenut kif, waqt li kien ghaddej tul ta karrozza u nofs wara l-vettura ta' Fenech, huwa f'ebda mument ma hass il-htiega illi jiffrena bl-istess mod li kien qieghed jiffrena Fenech, anke jekk dan kien qieghed jidher jigbed lejn ix-xellug.

Ghaldaqstant dawn l-indikazzjonijiet juru illi effettivament, il-habta bejn il-vetturi in kwistjoni f'dan il-kaz, grat iktar minn ftit mumenti wara l-habta illi kellu Fenech mal-vettura pparkeggjata, u billi ma jirrizultax illi fil-mument tal-habta kien hemm xi cirkostanzi illi setghu jimpedixxu l-vizwali sew tal-konvenut, jirrizulta illi l-habta bejn il-vettura tal-konvenut u dik ta' Fenech kienet dovuta esklussivament ghan-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-konvenut billi ma ndunax illi l-karreggjata tieghu kienet xi ftit imblokkata b'vettura ohra li kienet involuta f'incident precedenti.

Ghaldaqstant issib illi r-responsabbilta' ghall-kollizzjoni in kwistjoni hija esklussivament tal-konvenut li ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali illi gew limitati mill-atturi ghas-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin) u dwar dan l-ammont il-konvenut m'ghandhux kontestazzjoni.

Ghaldaqstant tilqa t-tabiet attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin) bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Novembru tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------